MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Numru 366/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond J. Borg)**
**vs**
**Louis Scerri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Louis Scerri** ta’ 33 sena, bin Anthony u Maria Grazia nee’ Tagliaferro, mwieled Pieta nhar l-14 ta’ Janar, 1977, residenti 3, Sqaq Berqi, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 60977m;

Talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar sitt xhur;

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma’

kellu licenzja mill-President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regola tal-1939, ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta, li jfornu d-droga msemmija, minghajr ma’ kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma’ kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni droga msemmija u minghajr ma’ kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola , club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqaw iz-zaghzagh skond l-artikolu 22 (2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu id-droga Erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmiaj u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li kienet turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-Art 8 (a) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. talli irrenda ruhu recidiv b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghadhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni tal-avukat generali tat-3 ta’ Novembru, 2010 sabiex l-imptuat jitressaq quddiem din il-Qorti u jwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu ghal ksur tal-Ordinanza Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Rat l-artikoli Regolament 4 ta’ GN 292/1939, 22(2)(b), 8(a), Taqsima IV u VI tal-Kap 101, 49 u 50 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) mil-lum kif ukoll ghal hlas ta’ multa ta’ elfejn (2000) Euro.

Tordna l-konfiska u distruzzjoni tad-droga esebita u tahtar ghal dan l-iskop lill-Ispizjar Mario Mifsud a spejjez tal-hati. Tordna ukoll il-konfiska tal-flus esebiti favur il-Gvern ta’ Malta;

Tirrakommanda lid-Direttur tal-FCC li jaghti kull ghajnuna mehtiega lill-hati sabiex jirrabilita ruhu mill-vizzju tad-droga;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------